MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**EDWINA GRIMA**

Seduta tat-8 ta' Mejju, 2013

Numru. 50/2010

**Il-Pulizija**
**(Spettur Robert Said Sarreo)**

**Vs**

**Darren Bonnici, ta' 31 sena, bin il-mejjet Anthony u Maria Theresa nee' Cioffi imwieled il-Pieta' fl-10 ta' Lulju 1981, li joqghod fil-font Flt. Nru.2, Blokk C, Triq ic-Cenerarja, Santa Lucia u detentur tal-karta ta'l-identita' bin-numru 0406881(M)**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra l-imputat Darren Bonnici li permezz taghha huwa gie akkuzat:

A) talli nhar l-20 ta' Jannar 2010, ghal habta tal-11:00 ta' fil-ghodu, filwaqt li kont fl-inhawi maghrufa bhala l-Foss, limiti ta' Haz Zabbar, b'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragini jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni

tieghu, jew b'nuqqas ta' tharis tar-regolamenti ikkaguna feriti gravissimi fuq il-persuna ta' Kyle Gili minn Haz Zabbar, liema feriti gravissimi igibu debulizza permanenti fis-sahha jew fil-funzjoni ta' xi parti tal-gisem jew igibu difett permanenti f'parti tal-ghamla tal-gisem jew marda permanenti tal-mohh jew igibu sfregju gravi permanenti, hekk kif iccertifikat minn Dr. Anna Spiteri M.D., it-tabiba tat-Taqsima ta'l-Emergenza ta'l-isptar Mater Dei.

B) Barra minn hekk, akkuzat ukoll talli, fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi ikkaccja gewwa Santwarju ta'l-Ghasafar.

C) Akkuzat ukoll talli, fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, kellu fil-pussess tieghu arma u munizzjon gewwa Santwarju ta'l-Ghasafar.

Rat id-dokumenti.

Semghet il-provi,

Rat in-nota ta' rinviju ghal gudizzju ta'l-Avukat Generali tal-05 ta' Dicembru 2012.

Semghet illi l-imputat ma kellux oggezzjoni sabiex il-kaz jigi trattat u deciz bil-procedura sommarja minn dina l-Qorti.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat l-atti kollha processwali.

Ikkunsidrat,

Illi l-Qorti ghandha quddiemha, f'dina il-kawza, incident sfortunat bejn zewg zghazagh hbieb fejn wiehed minnhom spicca vittma ta' sparatura li setghet kellha konsegwenzi fatali. Illi dwar il-fattispecje ta' dana il-kaz ma hemmx kontestazzjoni anzi l-imputat jikkonferma illi sehh dak kollu li jirrizulta mill-provi li hemm fl-atti.

Illi fil-jum tal-20 ta’ Jannar 2010, l-imputat u siehbu Kyle Gili iltaqghu fil-ghodu u iddecidew jerhilu lejn il-Foss, limiti ta’ Haz Zabbar sabiex jezercitaw id-delizju taghhom tal-kacca. F’idejn l-imputat kien hemm is-senter tal-kacca tieghu. F’xi hin jidher illi l-imputat lemah sturnell u spara ghalih. Dana laqtu u Kyle gabbru u qieghdu fuq cint biswit fejn sehh dana l-incident. Wara dan l-imputat u siehbu qaghdu ipejpu sigarett – l-imputat qghad fuq dana ic-cint filwaqt li Gili pogga madwar metru jew tnejn ‘il boghod minnu fuq zewgt iknaten. F’daqqa wahda l-imputat innota sturnell iehor minn warajh fuq in-naha tax-xellug tieghu u ghalhekk huwa qabad l-arma u immira lejh. F’dan il-hin huwa qal lil Gili biex jitbaxxa u ma jiccaqlaqx u spara l-ewwel tir, izda ma laqtux, ghalhekk baqa’ isegwi lil dina t-tajra u baqa’ idur maghha bl-arma ippontata ‘il fuq. Hekk kif gie biex jispara it-tieni tir, Gili iccaqlaq minn postu u qam biex b’hekk gie ezatt fil-mira ta’l-imputat u dana spicca laqqtu bi sbrixx fuq l-iskutella ta’ rasu. Gili waqa’ fl-art ferut. L-imputat hekk ki induna b’dak li kien sehh, kien pront fittex l-ghajnuna u ftit wara wasslet fuq il-post l-ambulanza bit-tim paramediku u il-pulizija. Gili ittiehed l-isptar fejn instab li kien qieghed isofri minn feriti ta’ natura gravi u kien fil-periklu tal-mewt. Fortunatament madanakollu, it-tir ma impenetra l-ebda kavita, izda ghadda biss bi sbrixx minn ma’ ras l-vittma biex b’hekk wara xi zmien il-kundizzjoni tieghu tjiebet u eventwalment gie anke rilaxxjat mill-isptar. Gili xehed f’dina il-kawza fejn huwa ighid illi ma jiftakar xejn dwar id-dinamika ta’ dana l-incident u li huwa ghadu hbieb mal-imputat. Ighid madanakollu illi huwa ghadu ibati minn konsegwenzi fis-sahha tieghu.

Illi in sewgitu ghal dana l-incident infethet inkjesta magisterjali fejn gew mahtura diversi esperti, liema esperti kollha xehdu f’dawn il-proceduri u ipprezentaw ir-rapporti taghhom. Illi dawn il-provi cirkostanzjali kif migbura fl-inkjesta kollha jikkonfermaw id-dinamika ta’l-incident kif rakkontat mill-imputat stess kemm l-istqarrija rilaxxjata minnu lill-pulizija *a tempo vergine*, kif ukoll fix-xhieda illi huwa jaghti quddiem din il-Qorti. Illi gie ippruvat is-segwenti:

1. Illi Kyle Gili intlaqat minn tir wiehed ta’ senter.

2. Illi t-tir laqat lil Gili fuq rasu u dan it-tir kien bi zbrixx.

3. Id-distanza tat-tir kienet qasira u x’aktarx ta’ xi zewg metri.

4. It-tir gie sparat mis-senter tal-kacca proprjeta ta’l-imputat, liema senter jidher illi kien jiffunzjona tajjeb f’kull aspett tieghu.

5. Illi t-tir gie sparat mill-imputat billi minn ezamijiet li saru fuq hwejjgu instabu diversi particelli unicí ta’ *Gun Shot Residue*.

6. Illi Kyle Gili sofra griehi ta’ natura gravissimi u f’xi hin kien anke fil-periklu tal-mewt. Il-lezjoni kellha dijametru ta’ madwar ghaxar centimetri u ghalhekk Gili garrab fratturi fil-kranju u lezjonijiet intracerebrali ki ukoll *skin loss* estensiva fil-qurriegha.

7. Illi l-kundizzjoni ta’ Gili tjiebet, tant illi eventwalment huwa gie irrilaxxjat mill-isptar.

8. Illi illum Gili ghadu jilmenta minn dghjufija fl-estremita superjuri tal-lemin u ghadu jlaqlaq. Illi fuq il-***fronto parietal region*** tax-xellug ghad hemm cikatrici b’***alopecia***.

Illi dana kollu johrog mir-rapporti esebieti in atti mill-esperti tal-ballistika, kif ukoll minn dak mediko-legali u id-diversi tobba li xehdu f’dawn il-proceduri.[1]

Ikkunsidrat,

Illi ghalhekk kemm mill-provi indizzjarji u cirkostanjzali, kif ukoll mix-xhieda ta’l-imputat stess jirrizulta minghajr l-icken dubbju illi Kyle Gili intlaqat accidentalment minn tir ta’ arma tan-nar li giet sparat mill-imputat. Illi l-imputat

[1] Ara rapport tal-Brigadier Maurice Calleja u PS 602 Jonathan Attard, ir-rapporti ta’ Dr. Mario Scerri u ix-xhieda ta’ Dr. Jonathan Joslin a fol.94, Mr. Anthony Zrinzo a fol.171 u finalmente ir-rapport ta’l-Ispizjar Godwin Sammut Dokument GS a fol.203

jinsab akkuzat bir-reat tal-offiza gravi u involontarja fuq il-persuna kif previst fl-artikolu 226(1)(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta. Illi l-Qorti trid tara allura jekk f'dana il-kaz l-incident sehhx b'negligenza u nuqqas ta' attenzjoni da parti ta'l-imputat jew inkella jekk l-istess huwiex imputabbli lill-vittma li ccaqlaq minn postu u qam bil-wieqfa, meta kien jaf ben tajjeb illi l-imputat kien ghadu qed izomm ghasfur fil-mira tieghu u kien ser jisparalu. L-imputat fil-fatt kien avza lil siehbu sabiex jitbaxxa u ma jiccaqlaqx qabel spara l-ewwel tir.

Kif jispjega l-gurista Francesco Antolisei:

**"A noi sembra che pre comprendere la vera essenza della colpa bisogna considerare che nella vita sociale si verificano spesso situazioni nelle quali da una attivita` diretta ad uno scopo possono derivare conseguenze dannose per i terzi. L'esperienza comune o tecnica, cioe` propria di tutti gli uomini o di una categoria di persone che esplicano una particolare attivita`, insegna che in questi casi bisogna usare determinate precauzioni, onde evitare che gli interessi altrui siano pregiudicati. Sorgono per tal modo delle *regola di condotta*. Spesso si tratta di semplici usi sociali, come, per es., quello per cui il possessore di un'arma da fuoco e` tenuto a scaricarla, quando la depone in un luogo frequentato. Non poche volte interviene lo Stato od altra autorita`, pubblica o privata, a fissare queste regole, disciplinando determinate attivita`, piu` o meno pericolose, in modo da prevenire, per quanto e` possibile, conseguenze nocive per i terzi. Cosi` all'imprenditore di lavori che apre una buca in una pubblica via e` prescritto di collocare certi segnali. Il reato colposo nasce sempre e soltando dall'innosservanza di talune delle norme indicate. L'infrazione giustifica nei confronti dell'agente un rimprovero di leggerezza. Il giudice dice all'imputato: tu non sei stato cauto e diligente come avresti dovuto. Il rimprovero cosi` formulato, e` la conseguenza caratteristica del reato colposo, perche` nel reato doloso il giudice rimprovera il reo di avere**

**voluto il fatto proibito, mentre nel fatto incolpevole (il c.d. caso fortuito) nessun biasimo puo` muoversi all'agente. Riteniamo, pertanto, che l'essenza Della colpa debba ravvisarsi nella *inosservanza di norme sancite dagli usi o espressamente prescritte dalle autorita` allo scopo di prevenire eventi dannosi*…la nota concettuale della colpa e` data dalla imprudenza o negligenza. Il suo carattere essenziale consiste, in altri termini, nella *inosservanza di precauzioni doverose*."[2]**

Illi fil-kaz in dizamina, l-imputat kien qed jaghmel uzu minn arma tan-nar. Dina l-azzjoni fiha innifisha tinvolvi periklu billi arma tan-nar hija arma letali u kwindi wiehed irid joqghod ferm attent ghal mod kif juzaha. L-imputat kien jaf illi siehbu kien vicin tieghu tant hu hekk illi hekk kif lemah l-ghasfur u ried jaghtih tir huwa avzah minnufih sabiex jitbaxxa u ma iqumx ghax kien konsapevoli tal-fatt illi jekk siehbu jiccaqlaq seta' jintlaqat mill-arma tan-nar. Illi l-imputat, izda kien tant mitluf meta ma irnexxielux jolqot lil dan l-ghasfur, u akkost ta' kollox ma riedx jitilfu, illi baqa' isegwieh bl-arma, minghajr ma qaghad attent ghal movimenti li kien qed jaghmel siehbu u meta rega' gie biex jaghti it-tieni tir huwa ma hassx illi kellu jerga' javza lil siehbu b'dan, izda qabad u spara bil-konsegwenza illi laqat lil siehbu li proprju f'dak il-mument iccaqlaq minn postu. Illi huwa minnu illi Gili kien a konoxxenza tal-fatt illi l-imputat kien ghadu bl-arma f'idejh u li kien ghadu intenzjonat jispara lit-tajra li kienet fil-mira tieghu, izda dina in-negligenza kontributorja da parti tal-vittma ma tezonerax lill-imputat mill-htija tieghu ghal dana is-sinistru sfortunat, minhabba f'non kuranza u negligenza.

Illi l-kacca huwa namur li ghandu jigi ezercitat bi prudenza kbira, attenzjoni u tharis tar-regolamenti kollha kemm tal-komportament kif ukoll tal-ligi. Dana ghaliex il-persuna li ikun qed jezercita dina in-namra ghandu arma letali f'idejh li l-uzu hazin taghha tista' twassal ghal konsegwenzi ferm serji kemm fuqu innifsu kif ukoll fuq in-nies u anke l-

---

[2] **Manuale di Diritto Penale – Parte Generale** Giuffre` (Milano) 1989, para. 133, pp. 322-323.

ambjenti li ikunu jiccirkondawh. Kwindi l-ezercizzju ta’ dina in-namra ghandu isir b’kawtela kbira. Illi l-Qorti ghalhekk ma tistax hlief issib lill-imputat hati talli ikkaguna feriti gravi fuq siehbu Kyle Gili ai termini ta’l-artikolu 225 u 226 tal-Kapitolu 9.

Ikkunsidrat,

Illi l-imputat huwa ukoll akkuzat illi ikkaccja gewwa Santwarju ta’l-Ghasafar, kif ukoll li kellu fil-pussess tieghu arma u munizzjon filwaqt illi kien f’dan is-Santwarju. Illi mir-rapport ta’l-espert Richard Aquilina jirrizulta illi l-post fejn sehh dana l-incident huwa art pubblika li kienet bdiet tigi konvertita fi gnien, izda jidher illi x-xoghol fuq l-istess gie abbandunat. Illi l-Avukat Generali fin-nota ta’ rinviju tieghu ghal gudizzju jindika ir-regolamenti 23(a) u 23(c) tal-Avviz Legali 146 ta’l-1993 kif sussegwentement emendat[3]. Illi fl-isemmija regolamenti hemm indikat fil-Hames Skeda, is-Santwarji tal-Ghasafar. Illi il-post fejn sehh l-incident ma huwiex specifikat f’dina il-lista ghajr ghar-raba post indikat li isemmi l-gonna pubblici kollha f’Malta u Ghawdex. Illi l-Qorti tistqarr illi ma setghet issib l-ebda prova fl-atti li tindika illi il-post ta’l-incident huwa xi gnien pubbliku. Il-prosekuzzjoni ma ressqet l-ebda prova f’dana ir-rigward. Illi ghalkemm il-perit Aquilina jindika, kif diga inghad, illi dana il-post, li huwa accessibbli ghal pubbliku, kien qed jigi konvertit f’gnien, madanakollu x-xoghol fuqu ma tkompliex u kwindi il-Qorti ma tistax b’daqshekk tasal ghal konkluzjoni illi dana il-post huwa gnien pubbliku u jaqa’ fid-definizzjoni tal-ligi ta’ Santwarju ta’l-Ghasafar. Kwindi l-Qorti ma ghandhiex triq ohra hlief li tillibera lill-imputat minn dina l-imputazzjoni. Il-Qorti tirrileva ukoll illi l-Avviz Legali indikat mill-Avukat Generali fin-nota ta’ rinviju ghal gudizzju illum isib applikazzjoni ghal kacca tal-fenek selvagg biss billi ir-regolamenti li jirrigwardaw il-kacca tal-ghasafar illum huma inkorporati fil-Legislazzjoni Sussidjarja 504.71 u cioe’ ir-Regolamenti dwar il-Konservazzjoni tal-Ghasafar Selvaggi.

[3] Ara Legislazzjoni Sussidjarja 504.06

Illi meta tigi biex tqies il-piena li ghandha tigi inflitta l-Qorti ser tiehu in konsiderazzjoni ic-cirkostanzi li wasslu ghal dana l-incident sfortunat. Fuq kollox ser tiehu in konsiderazzjoni il-fatt illi l-vittma ikkontribwixxa ghal dana is-sinistru, li seta' kien wiehed fatali, meta iccaqlaq mill-post fejn kien qieghed filwaqt illi l-imputat kien ghadu qieghed bl-arma f'idejh. Illi l-Qorti hija tal-fehma illi piena karcerarja effettiva ma hijiex idonja ghal dana il-kaz, iktar u iktar fid-dawl tal-fatt illi l-parti leza hafret lill-imputat u li t-tnejn ghadhom hbieb sal-lum il-gurnata.

Ghaldaqstant il-Qorti wara li rat l-artikolu 226(1)(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, filwaqt li tillibera lill-imputat mit-tieni u mit-tielet akkuzi migjuba fil-konfront tieghu, issibu hati ta'l-ewwel akkuza u tikkundannah ghal perijodu ta' sitt xhur prigunerija, li fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet hawn fuq maghmula u b'applikazzjoni ta'l-artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, dana il-perijodu ta' prigunerija qed jigi sospiz ghal zmien sena mil-lum.

Il-Qorti qed twissi lil hati bil-konsegwenzi skond il-ligi jekk huwa jikkometti reat iehor matul il-perijodu operattiv ta' dina s-sentenza.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------